## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 51*

***5.30p.m 11 t'Ottubru 2022***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *51.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

51.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet personali.

## *51.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

51.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 50. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

51.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li peres li ma kienx kuntent bis-servizz ta' knis li kien qed jingħata fiż-żona tal-korsa beda' x-xogħol ta' tindif kuntrattur ġdid bil-għan li jkun hemm it-tindif tlett darbiet fil-ġimgħa.

51.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-festa tal-Akbar Titular kienet tassew unika u li ħalliet impatt pożittiv fuq dawk kollha preżenti. Kien hemm sfortunatament intopp li seħħ fl-aħħar tal-attivita' f'ħin meta huwa ma kienx preżenti iżda li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer kien preżenti. Is-Sindku dak il-ħin kien għad-dħul ta' Marija Reġina u wasal kif daħlet it-Trinita' , u kif daħal fil-Knisja sab kommossjoni hekk kif beda' jingħad lilu u lill-Kunsillier Spencer li l-innu tal-Banda Trinita' Qaddisa indaqq qabel daħlet il-vara tat-Trinita' fil-Knisja. Madankollu, fl-laqgħa li saret fil-preżenza tal-President u s-Segretarju tal-Banda Trinita' Qaddisa u s-Sindku, l-Kunsillier Spencer u s-Segretarju Eżekuttiv kien hemm qbil li jiġi mitkellem il-Kappillan dwar din il-kwistjoni. Skond il-Kappillan meta ndaqq l-innu tal-Banda l-vara kienet diġa' daħlet fil-Knisja u għaldaqstant il-Kunsill ma setgħax jieħu l-azzjoni li jnaqqas fondi kif kien ippjanat li jsir. Min naħa tas-Sindku din il-kwistjoni għandha tieqaf hemm u għandna nkunu kburin li għamilna attivita' unika fl-istorja tal-lokal.

## *51.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

51.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li l-verżjoni li ngħatat mill-Kappillan kienet ħażina, għaliex huwa kien xhud ta' dak li ġara u ra li l-innu ndaqq qabel mall-vara daħlet fil-knisja. Fil-fatt il-Kunsillier semma tlett punti fuq dak li qal is-Sindku. L-ewwelnett il-vara kienet fil-portiku, id-diskors tal-Kappillan ma kienx korrett u l-bieb ma kienx magħluq kif ġie spjegat mill-Kappillan.

Huwa għalhekk li l-Kunsillier qed jipproponi li għandhom jitnaqqsu l-15% mill-ammont dovut lill-għaqda tal-Banda Ssma. Trinita'. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri spjega li skont huwa dan ikun żball għaliex anke jekk il-Kunsill għandhu raġun u li vera l-innu ndaqq fil-ħin li jmur kontra il-ftehim, jekk kien hemm qbil li l-kelma tal-Kappillan ser tkun waħda finali, l-Kunsill irid jimxi fuqha u jkun il-Kappillan issa li jerfa r-responsabbilita' ta' dak li huwa qal. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi għamilha ċara li fil-laqgħa msemmija kull individwu preżenti kien bi qbil li l-kelma tal-Kappillan ser tkun finali u għalhekk m'għandux ikun hemm lok li wieħed ikompli fuqha iżda l-vot fuq l-Iskeda tal-Pagamenti ma jistgħax isir illum għaliex mhix fl-iskeda preżenti.

51.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qed jistaqsi dwar il-kwistjoni li hemm fi Triq il-Pitkali hekk kif Infrastructure Malta qed tweħħel fil-Kunsill għaliex il-post jegħreq. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li propju fil-jiem li għaddew il-Kunsill bgħat bowser tal-ilma biex jara hekk hemmx xi tiżdid fil-kanen. Madankollu, kien ċar li ma kien hemm l-ebda sadd fil-kanna. Il-problema hija dik li dejjem il-Kunsill saħaq li l-kulverts mhumiex kbar biżżejjed biex jilqaw għall-volumi kbar t'ilma li jinżel mill-Ħamrun u mill-inħawi. Is-Sindku tkellem mall-Kap Eżekuttiv t'Infrastructure Malta s-Sur Ivan Falzon u talbu biex jinforma wkoll lis-sezzjoni ta' l-Storm Water Unit. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li hemm diżlivell kbir meta saret it-triq, huwa qal li l-Kunsill jista' jagħlaq il-post bi flatbars u jagħmel ittra legali biex jagħlaqhom minħabba s-sigurta' tal-post. Il-Kunsillier qal ukoll li l-Kunsill għandhu jorbot lil Transport Malta biex fi żmien stipulat isiru x-xogħolijiet meħtieġa biex din il-problema tissolva. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jixtieq li l-Kunsill jitlob lill-perit ta' Transport Malta biex jagħti parir professjonali fuq ix-xogħol li hemm bżonn isir. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa ser ikun qed irressaq dawn il-punti għall-attenzjoni tas-Sur Ivan Farrugia u tal-Ministru kkonċernat.

## *51.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

51.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 10/2022 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *51.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

51.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kappillan ta' Marija Reġina bgħat f'isem il-parruċċani kollha iwassal ħajr għall-festa li saret nhar is-Sibt 24 ta' Settembru. Huwa rringrazzja l-Kunsill ta' l-organizzazzjoni mpekkabli li kien hemm waqt l-attivita'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li japprezza ħafna x-xogħol li sar min naħa tal-parroċċa.

51.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi Esterni marija Reġina qed jitolbu li l-armar tad-dawl tal-Milied min din is-sena jagħmlu minflok Triq Isouard jieħdu ħsieb Triq Nerik Sacco filwaqt li Triq Isouard tintrama mill-kuntrattur tal-Kunsill. Wara diskussjoni fost dawk preżenti s-Sindku spjega li bħalissa qegħdin tard wisq biex nagħmlu dan it-tip t'arranġament,

madankollu s-sena d-dieħla nkunu nistgħu niddiskutu mall-għaqdiet biex jsir pjan ta' x'għandhu jintrema'. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

51.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija Regina tixtieq li mis-sena li ġejja n-nar tal-art jitmexxa minn Triq Azzopardi għal Triq Isouard mad-dawra tal-fabbrika primarjament minħabba raġunijiet ta' sigurta'. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm qbil li ssir konsultazzjoni mar-residenti li huma fejn il-fabbrika . Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

51.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina jixtiequ jirringrazzjaw lill-Kunsill tal-għajnuna mgħotija fi żmien il-festa kif ukoll jifirħu lill-organizzaturi għall-festa tal-Akbar Titulari.

## *51.7 Update – Attivitajiet Belt Kulturali;*

51.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi xtaq ifakkar il-kunsilliera li nhar il-Ħadd li ġej fis-16 t'Ottubru ser ikun hemm reanactment quddiem il-Knisja ta' Marija Reġina, b'karozzi u trakkijiet ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Apparti hekk il-Kunsill ser ikun qed jinbidel f'Mużew t'armamenti. Il-qofol tal-attivitajiet ser jintlaħaq bejn l-4.00pm u l-5.00p.m fejn il-baned iduru mall-lokalita' flimkien mall-Iscouts mall-wasla tal-George Cross. Wara nofsinhar ser ikun hemm ukoll vintage bus li ser ikun qed jieħu n-nies madwar il-lokalita' tal-Marsa. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri isseskonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *51.8 Żoni/toroq biex isiru bit-tarmac;*

50.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li Infrastructure Malta bgħatet ittra lill-Kunsilli Lokali sabiex jibgħatu lista ta' toroq li l-Kunsill jixtieq li jsiru mill-ġdid minħabba ħsarat. Is-Sindku qal li l-lista li għamel hija din; Triq is-Salib tal-Marsa (fejn hemm it-telgħa) Trejqeet San Bernard, Triq in-Nagħal, Triq Balbi, Triq il-Marsa (min Sloy il-fuq), Triq Mattew Callus (fejn hemm il-parking area), Pjazza Magri, Triq Azzopardi, Triq l-Irħam (wara l-BOV) Triq Troughbridge Albertown, Triq il-Gadrajja u Triq il-Ġerrejja. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li ma din il-lista tiżdied, il-parti ta' quddiem Cassar Shipyard u Triq it-Tromba. Wara li ħadd ma kellu aktar suġġerrimenti, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *51.9 Deċiżjoni dwar Driver tal-Kunsill;*

51.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti d-dettalji tal-applikanti u kif il-Bord ddeċieda. Is-Segretarju qal li mill-ħames applikanti kien hemm biss żewġ min-nies li dehru għall-interview, is-Sur Alan Caruana u s-Sur Daniel Sammut. Il-Membri tal-Bord b'mod unanimu taw l-akbar ammont ta' punti lis-Sur Alan Caruana, u qegħdin jipproponu lilu biex jintgħazel għal dan ix-xogħol. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *51.10 Deċiżjoni dwar Tender tal-Latrini*

51.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti d-dettalji tal-għażla tal-Bord t'Evalwazzjoni dwar it-Tender tal-Latrini. Is-Segretarju spjega li kien hemm hames kuntratturi li applikaw għat-tender dawn kienu Christopher Bonello, Brian Borg, George Axisa, Yama Yami Ltd u Sandro Caruana. Madankollu, l-kuntratturi Brian Borg, George Axisa u Yama Yami Ltd intablu jibgħatu lista mill-Jobsplus dwar l-impjegati li huma jkollhom. Dawn ma bgħatu xejn u awtomatikament ġew skwalifikati. Il-kuntratturi Christopher Bonello u Sandro Caruana bgħatu d-dettalji mitluba u kienu 'technically compliant'. B'hekk l-bord ħa l-pass li jmiss dwar it-tender u jevalwa skond il-prezz. L-orħos prezz kien ta' Sandro Caruana. Il-bord t'evalwazjoni qed jirrikkomanda li Sandro Caruana jingħata t-tender tal-latrini. Wara li ħadd nmin dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *51.11 Riżultati Finanzjarji Q2 2022*

51.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv bies jagħti jressaq ir-riżultati fnanzjarji tal-Kunsill għat-tieni kwart ta' din is-sena li jintemm fl-aħħar ta' Ġunju. Is-Segretarju spjega li matul dan il-perjodu rajna li l-finanzi tal-Kunsill baqgħu reżiljenti hekk kif ġie rreġistrat surplus t'aktar min €20,000 minkejja l-fatt li l-Kunsill kellu ħafna nfieq relatat mall-attivitajiet tal-Belt Kulturali 2022. Hawnhekk rajna wkoll li l-Kunsill qed joqgħod attent li l-infieq li qed isir f'kull attivita' jkun hemm il-fondi allokati għalihom. Wara li s-Sindku talab biex ir-riżultati jiġu approvati l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *51.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

51.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm u ġiet aġġornata għat-8 ta' Novembru fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv